

# Il-Festa Tagħna



Dr Joanne Vella Cuschieri

Mhux l-ewwel darba li nkun qed nitkellem ma' xi ħadd u nsemmi l-festa tiegħi bħala dik tal-Vitorja fil-Mellieħa. Min jafni, speċjalment dawk li jafu lin-nannu tiegħi Toni, bandist mal-Banda Imperial għal għexieren ta' snin, ma jiskantax wisq b'dan il-kumment iżda spiss niġi milqugħa b'sorpriża u bil-kumment 'iżda int mhux mill-Mellieħa!' Meta nisma' dan il-kumment nitbissem f'qalbi daqslikieku biex tkun devot lejn Marija Bambina trid tkun twelidt bil-'pedigree' fil-Mellieħa.

Jien waħda minn dawk li nemmen li d-devozzjoni lejn Marija Bambina ma għandha l-ebda kantunieri u żgur ma tiddependix fuq jekk intix imwieled f'xi raħal jew ieħor. Fl-ewwel lok il-Bambina, Omm Ġesù, hija waħda tkun f'liema forma tkun l-istatwa tagħha meqjuma f'raħal jew ieħor. Per eżempju, meta nħares lejn l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema jew lejn l-istatwa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa għalkemm napprezza s-sbuħija u l-uniċità taż-żewġ statwi u d-differenza fil-ħidma tal-istess li anke tirrifletti l-iskulturi u ż-żminijiet diversi li saru, nara biss omm waħda, Sidtna Marija u d-devozzjoni u l-apprezzament lejha għal kulma tagħmel miegħi u ma ta' madwari hija l-istess waħda.

Iżda ġieli nistaqsi lili nnifsi għalfejn xi kultant issib nies, li ħafna drabi mingħajr ma jridu, kważi kważi jgerrxu nies li lesti jgħinu fil-festa, lesti li jgħinu fil-preparamenti, jgħinu f'attivitajiet tal-każini jew li jattendu għall-festa mingħajr fini ta' xejn għajr sabiex juru d-devozzjoni tagħhom lejn Marija u dan bl-iskuża li mhumiex mir-raħal. Ħafna drabi dak li jkun lanqas ikun jaf li ħafna minn dawn in-nies il-probabilità hi li jew imwielda fir-raħal u ma għadhomx joqogħdu hemm jew inkella għandhom bosta familjari mir-raħal. Iżda għalfejn għandu wieħed jeskludi u ma jilqax fi ħdan il-festa lir-residenti l-ġodda fi ħdan il-komunità sabiex dawn, jekk iridu, jikkontribwixxu mill-aħjar mod possibbli fil-festa.

Napprezza immensament il-fatt li fi ħdan il-Banda Imperial il-bibien huma miftuħa għal kulħadd. Fi ħdan il-Kumitat għandna membri li għalkemm oriġinarjament mill-Mellieħa llum ma joqogħdux fil-Mellieħa iżda l-ħidma sfieqa tagħhom fi ħdan il-Banda hija imprezzabbli, bosta immigranti jiġu milqugħa kull sena għall-attivitajiet tal-festa kif ukoll għandna bosta membri li huma barranin u li żgur li l-għeruq tagħhom fi tfulithom ma kinitx fil-Mellieħa.

Minkejja dan iżda lil dawn in-nies tarahom jaħdmu sena wara l-oħra sabiex ikollna festa isbaħ prinċipali fl-attivitajiet. Jiġuni f'moħħi wkoll membri tal-kor kif ukoll bandisti residenti fi ħdan il-banda li jħossuhom parti sħiħa mill-bqija tal-komunità tal-każin u tal-Mellieħa għalkemm oriġinarjament mhux mill-Mellieħa.

Tapprezza wkoll il-ħidma ta' residenti li jarmaw il-faċċati tad-djar tagħhom u jtellgħu l-bnadar fuq il-bjut sabiex jiċċelebraw lil Marija Bambina għalkemm mhux imwielda f'din il-Parroċċa iżda d-devozzjoni tagħhom ma tagħmel l-ebda distinzjoni. Anzi kellu bżonn li jkun hemm ħafna aktar nies minn dawn sabiex il-festa tagħna tibqa' dejjem tikber u tissaħħaħ.

Fuq kollox, l-għan ewlieni tal-festa huwa sabiex jgħaqqad lill-komunità li tattendi u tieħu sehem fil-festa f'devozzjoni u talba waħda lejn Marija Bambina sabiex iżżomm idejha fuqna lkoll mingħajr ebda distinzjoni. Bl-istess mod għandna aħna lkoll naġixxu ma' dawk ta' madwarna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-festa u tul il-bqija tas-sena.

Nawguralkom festa mill-aqwa, festa ħienja mimlija mħabba lejn l-għażiża Marija Bambina.